MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Numru. 995/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**versus**

**Alexia Zammit**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni maghmula kontra Alexia Zammit ta’ 18-il sena bint Carmelo u Mary Rose nee Darmanin, imwielda Pieta` fid-19 ta’ Ottubru, 1986 u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 478286 (M)

Akkużat talli nhar is-26 ta’ Ottubru 2004 ghall-habta tas-6.00 p.m. fi Triq Guze Caruana, Zejtun volontarjament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor fuq vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni AND 478, liema hsara tiskorri l-Lm50 izda

mhux il-Lm500 ghad-dannu ta’ Rita Spiteri miz-Zejtun bi ksur ta’ l-artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata ghal din l-imputazzjoni u ghaldaqstant giet pruvata skond il-ligi. Rat ukoll li l-imputata hallset il-hsara fl-awla stess.
Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(b) tal-Kap 9 ssib lill-imputata ħatja izda stante l-ammissjoni bikrija taghha, il-hlas immedjat tal-hsara u l-fedina penali nadifa taghha, flok tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien disa’ (9) xhur mill-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 fi kliem semplici lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------